ADRIAN GRIMA

# Il-Konfoffa tal-Letteratura

*Riflessjonijiet dwar il-komponiment letterarju ġenerali fil-karta tal-Malti taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja għall-2014*




Kemm bħala għalliem tal-letteratura u kritiku letterarju kif ukoll bħala missier ta' żewġ studenti fis-sekondarja li wieħed minnhom għandu s-sillabu attwali tal-Malti taċ-ĊES (li fih jintuża l-*Qawsalla*) u l-ieħor se jkollu s-sillabu l-ġdid (li fih se jintuża *Bejn Ħaltejn*), nilqa' l-fatt li fis-sillabu l-ġdid hemm iktar kitbiet li jirriflettu l-interessi u l-esperjenzi li jgħixu ż-żgħażagħ ta' 15, 16-il sena. Fl-istess ħin joffru firxa ta' stili letterarji li għandhom jesponu lill-istudenti għal tipi differenti ta' kitba letterarja u l-effetti differenti li joħolqu u jixprunawhom biex jesperimentaw huma stess bil-kitba kreattiva.

**Kif taħdem il-lingwa minn ġewwa**

Is-sillabu l-ġdid issa jħares lejn il-letteratura mhux bħala maħżen ta' kitbiet dwar temi partikulari imma bħala xogħlijiet artistiċi li kapaċi jesploraw esperjenzi, jesprimu ideat, iwasslu emozzjonijiet, jirrakkontaw stejjer, u jqanqlu lill-qarrejja bl-użu speċjali tal-lingwa li ħafna jqisu bħala l-karatteristika distintiva tal-letteratura.

Filwaqt li nħoss li fil-ħin limitat tal-eżami tas-sillabu l-ġdid l-istudenti se jkollhom jitħabtu biex ilaħħqu ma' dak kollu li jridu jiktbu dwar il-letteratura, inħoss li almenu hemm konsistenza fl-idea tal-letteratura u tal-qari kritiku tal-letteratura fl-eżerċizzji differenti tal-parti letterarja u dan jista' jgħinhom biex jaqbdu ritmu mentali wieħed.

L-eżami jirrifletti **l-idea ċentrali li l-letteratura hija użu mhux tas-soltu tal-lingwa**. Din il-lingwa speċjali tqanqal l-intellett u l-emozzjonijiet tal-qarrejja u titlobhom jieħdu sehem fl-interpretazzjoni ħajja tal-kitba letterarja. Xogħol l-istudenti huwa li jirriflettu fuq l-**esperjenza letterarja**, li jaraw kif qed titħaddem il-lingwa tal-letteratura, kif inhi organizzata minn ġewwa biex twassal it-temi li tiddiskuti u tqanqal l-emozzjonijiet.

Dan il-punt għalija huwa kruċjali: għax ma tistax tifhem l-ispirtu u d-dinamika tal-letteratura mingħajr ma tħares lejn il-mod kif taħdem internament. Meta tanalizza l-mod kif qed titħaddem il-lingwa, kif jintuża n-nofs diskors jew is-silenzju, awtomatikament tkun qed tesplora dak li qed jirrakkontaw il-kittieba, il-ġrajjiet, l-emozzjonijiet, id-dubji, ir-relazzjonijiet. Tkun qiegħed, tkun qiegħda tidħol fid-dinja kumplessa tal-kitba letterarja u mingħajr ma trid tqabbel mal-esperjenzi tiegħek tal-ħajja, mat-tifsiriet li inti tagħti lill-kliem, ma' dawk l-affarijiet u l-emozzjonijiet li l-kelmiet partikulari jfakkruk fihom. F'dan is-sens bħala qarrej jew qarrejja inti tipparteċipa b'mod sħiħ fl-esperjenza tal-qari tan-novella jew il-poeżija li jkollok quddiemek.

**Proposta ta' Metodu**

F'ċertu sens is-sillabu l-ġdid jipproponi bidla radikali fil-qari kritiku tal-letteratura għax jitlob li l-għalliema u l-istudenti **jibdew l-analiżi billi jħarsu lejn il-forma u l-istil** tal-kitba u minn hemm jesploraw dak li tgħid. Imma f'sens ieħor din mhi bidla radikali xejn għax diġà hemm ħafna għalliema li jħarsu lejn **il-mod kif** inhi miktuba l-letteratura biex jesploraw it-temi u s-sillabu l-ġdid jagħtihom aktar raġuni u saħħa biex jużaw dan il-metodu. M'iniex pedagoġista u naf kemm hemm modi interessanti differenti kif taqra l-letteratura b'mod kritiku mal-istudenti. Din il-proposta tiegħi mhix għajr indikazzjoni ta' pożizzjoni konċettwali li mbagħad l-għalliema jistgħu jsarrfuha f'lezzjonijiet effettivi skont l-istudenti u l-interessi tagħhom. Għandi f'moħħi xi ħaġa hekk:

- Introduzzjoni ġenerali għall-poeżija jew l-istorja biex tqanqal interess: ħarsa, ngħidu aħna, lejn xi aspett stilistiku jew tematiku speċjali tax-xogħol u min kitbu.

- Qari tiegħu, għal darba darbtejn, forsi anki b'tonijiet u emozzjoni differenti biex tiġbed l-attenzjoni tal-istudenti lejn l-effetti tematiċi ta' qari differenti.
- Identifikazzjoni mal-istudenti tal-karatteristiċi stilistiċi li jispikkaw fix-xogħol.
- Esplorazzjoni tal-effetti fuq il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li dawn it-tekniki letterarji joħolqu.
- Esplorazzjoni tar-relazzjonijiet bejn it-tekniki differenti u kif dawn jiżviluppaw it-tematika, l-emozzjonijiet u l-esperjenzi li jġarrbu l-qarrejja.

Ngħidu aħna, meta l-għalliema jaqraw mal-istudenti n-novella ta' Vincent Vella "Bl-Irħis," jitkellmu dwar it-temi li tqanqal l-istorja billi jagħtu attenzjoni speċjali lill-mod kif tintuża l-lingwa biex tiżviluppa dawk it-temi u twassal għadd ta' sensazzjonijiet u emozzjonijiet. Jiġifieri mhux biss jistaqsu x'qed jgħid ir-rakkont fuq l-immigrazzjoni, fuq is-solitudni, fuq il-ħbiberija, fuq it-tradiment, fuq l-inġustizzja, u fuq is-soċjetà Maltija, imma *kif* qed jgħidu dawn l-affarijiet.

- Ir-rakkont kif qed jitkellem fuq dawn it-temi? Kif qed jirrakkonta?
- X'tip ta' ton u lingwaġġ figurattiv qed juża biex jitkellem fuq kwistjonijiet kumplessi attwali u importanti?
- X'tip ta' effett joħloq billi "jiġbor" l-istorja tal-immigranti fl-istorja ta' immigrant wieħed partikolari li jagħtih isem?
- Għalina l-immigranti normalment għandhom isem u storja individwali?
- X'hemm fl-istorja ta' Fajsal li jirrappreżenta r-realtajiet tal-klandestinità?
- X'tip ta' deskrizzjonijiet jagħti r-rakkont biex jittrażmetti l-idea ta' klandestinità u dak li jħossu nies li huma "klandestini," li jridu jaħarbu meta jitfaċċaw il-pulizija għax qed jitħaddmu b'mod illegali minn ħaddieħor li qed jagħmel il-flus minn fuq daharhom?
- Ir-rakkont kif jiddeskrivi l-ħarba minn fuq il-lant tax-xogħol?
- X'tip ta' emozzjonijiet u ħsibijiet tqanqal din il-ħarba?
- Tidwi l-ħarba minn pajjiżhom?
- X'effett għandha l-kelma "Malta" għalkollox waħedha fil-bidu nett?

- Kieku l-awtur qegħedha fil-bidu tal-paragrafu ta' wara x'differenza kienet tagħmel?

Analiżi tal-forma twassal bilfors għal diskussjoni dwar it-temi.

## X'qed jindikaw l-eżaminaturi

Is-sillabu l-ġdid tal-Malti għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja u l-Karta Mudell li ħarġet miegħu ma jitkellmux b'mod espliċitu dwar il-konfini tal-komponiment letterarju ġenerali (jiġifieri "Il-Komponimenti Letterarji fuq l-antoloġija minbarra *Il-Ħarsa ta' Rużann*") u dwar dak li jridu jkunu jafu l-istudenti biex jitħejjew tajjeb għal dawn il-mistoqsijiet. Madankollu, inħoss li hemm biżżejjed ħjiel f'dawn iż-żewġ dokumenti biex l-għalliema u l-istudenti jkunu jistgħu jitħejjew sew għaż-żewġ komponimenti letterarji ġenerali li jridu jiktbu.

Fid-deskrizzjoni tas-sillabu hemm **lista interessanti ta' termini letterarji** u **paragrafu qasir dwarha**. Fil-karta mudell hemm **għadd ta' mistoqsijiet** li jagħtu ħjiel ta' dak li jridu jkunu jafu l-istudenti biex jiktbu komponimenti letterarji ġenerali qosra ta' 200 kelma.

Minkejja li l-lista tat-termini letterarji tista' tidher ftit twila, naħseb li hija l-aħjar gwida fejn tidħol il-parti letterarja ta' dan l-eżami għax tistabbilixxi liema għodod ta' analiżi jridu jkunu jafu jħaddmu l-istudenti meta jistħarrġu l-mod kif taħdem poeżija jew storja. Għarfien tajjeb ta' dawn it-termini huwa bażi tajba ħafna għall-kandidati.

Fil-każ ta' karta 2A (karta 2B fiha ftit inqas termini), fejn jidħlu "l-mudelli tal-ħoss," il-kandidati jridu jkunu midħla tal-alliterazzjoni, l-eliżjoni, il-metru (vers regolari, vers ħieles – u magħhom jien kieku nżid il-vers imħallat li juża Marjanu Vella fil-poeżija tiegħu "Ġarġir mal-Ħerża"), l-onomatopea, ir-rima (imbewsa, alternata, interna, ħielsa), it-ton tal-poeżija (eż. satiriku, ċajtier, ta' korla, gravi, traġiku), u t-ton tal-proża (eż. mistoqsija, kmand, talba, ċanfir).

Fejn tidħol "il-lingwa figurattiva," il-kandidati jridu jkunu jafu jidentifikaw u janalizzaw l-effett tal-metafora (inklużi l-personifikazzjoni u s-sineddoke), u s-similitudni. "Il-mudelli rettoriċi" mniżżlin fis-sillabu huma r-repetizzjoni (l-anafora, l-epiżewski u l-anadiplosi), l-antiteżi, l-apostrofi, l-ewfemiżmu, l-iperbole, l-ironija, il-mistoqsija rettorika, il-paradoss, u s-sarkażmu.

Fl-aħħarnett jissemmew "l-aspetti strutturali," li jinkludu l-asindeto, iċ-ċesura, l-*enjambment*, l-indenzjoni, il-paralleliżmu, il-polisindeto, ir-referenza għal xogħol ieħor (li s-soltu ngħidulha "intertestwalità"), l-istrofa, u l-vokabularju magħżul (magħruf ukoll bħala r-reġistru). Dawn it-tekniki ma jaħdmux waħedhom, individwalment, imma f'konfoffa ma' tekniki oħrajn biex jiżviluppaw it-temi tal-poeżija jew tal-istorja. Dawn m'għandhomx jiġu ttrattati mill-għalliema jew mill-istudenti bħala elementi stilistiċi miftumin mill-ispirtu dinamiku tal-kitba letterarja kollha kemm hi.




Wieħed mill-aħjar eżempji ta' kif xogħol letterarju jinqeda b'tekniki differenti li bħallikieku jikkonfoffaw flimkien biex jikkomunikaw esperjenza letterarja kumplessa huwa dak ta' "Ġarġir mal-Ħerża" ta' Marjanu Vella. Hija poeżija li tinqeda b'vers imħallat, alliterazzjoni, ritmi u tonijiet differenti, rima, metafori importanti (bħal tal-ilma, l-għajn tal-ħajja), *enjambment* (speċjalment fl-aħħar tal-poeżija), u indenzjoni. Uħud minn dawn it-tekniki jidhru jaħdmu flimkien b'mod effettiv ħafna biex jittrażmettu, fost l-oħrajn, enerġija u fl-istess ħin paradoss kreattiv fil-versi "U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq / Titnikker fuq il-bir." Fihom hemm

- l-alliterazzjoni tat-"t" u l-*enjambment* li donnha tagħti aktar prominenza lil din l-alliterazzjoni billi tifred u fl-istess ħin tgħaqqad it-"t" ta' "taħraq" u "Titnikker"
- il-paradoss li jikkaratterizza lil din il-fjura (u r-riħa tagħha) li taħraq u titnikker fl-istess ħin

- ix-xbieha ċentrali (letterali u metaforika) tal-fjura bajda, il-ġarġir, li fuqha tinbena ħafna mid-delikatezza u l-forza ta' din il-poeżija
- il-metafora tar-"riħa taħraq" li tħallat sens ma' ieħor b'mod mhux tas-soltu u tittrażmetti stramberija effettiva u enerġija

**L-Effetti tat-Teknika**




Fid-definizzjonijiet ta' dawn it-termini li jagħti fid-dizzjunarju tiegħu, Oliver Friggieri jirreferi għall-għanijiet li jkollhom dawn it-tekniki. Ngħidu aħna, meta jiddiskuti l-asindeto l-ewwel jiddefinih bħala "t-tneħħija tal-konġunzjoni bejn sensiela ta' kliem imsieħeb flimkien" u "l-kliem li s-soltu jkun marbut b'konġunzjoni jinkiteb mifrud b'virgola," u mbagħad jgħaddi minnufih għal riflessjoni fuq kif il-kittieba jinqdew bl-asindeto biex jilħqu "għadd ta' għanijiet." Għan ewlieni, jgħid Friggieri, "huwa l-għoti tal-idea ta' ħeffa u kontinwità meta t-tneħħija tal-konġunzjoni ssir bejn verbi," u jagħti l-eżempju tat-tielet vers f'din l-istrofa minn "Katrin tal-Imdina" ta' Dwardu Cachia:

Bdiet taqbida li ma bħalha
Minn Ħal Lija sa Ħ'Attard;
Aħbat, idrob, infed, oqtol ...
Wied tad-dmija ġera fl-art.

Minħabba l-asindeto (u anki minħabba l-aċċent inizjali f'kull wieħed minn dawn l-erba' struzzjonijiet), il-verbi fl-imperattiv isegwu 'l xulxin bla nifs, b'intensità li tagħti ħjiel tal-intensità tal-battalja: intensità stilistika li tittrażmetti intensità u tensjoni tematika marbuta mal-gwerra.

Id-definizzjoni tal-paradoss hija eżempju ieħor ta' kif id-deskrizzjoni tat-teknika tingħaqad ma' stħarriġ tal-effetti. Fid-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* Oliver Friggieri jiddefinih bħala "stqarrija jew żewġ stqarrijiet imqegħdin flimkien fejn it-tifsira tinftiehem bil-qbil ta' żewġ ideat li jidhru kontra xulxin; stqarrija li minn barra tidher kontradittorja, waqt li għandha sens li jorbot flimkien liż-żewġ

elementi opposti.” Jgħid ukoll li “l-paradoss, bħall-ossimoro, iqiegħed flimkien żewġ kelmiet jew aktar li għandhom tifsiriet kontra xulxin u minnhom joħroġ tifsira loġika.” Imbagħad Friggieri jispjega kif Karmenu Vassallo juża l-paradoss għax jirrifletti d-dinja poetika tiegħu: huwa “mezz li jgħinu jiżvolġi djalettika, argument maqsum f’żewġ naħiet kontra xulxin; fi ħdanhom, fl-ispazju bejn iż-żewġ naħat, huwa jsawwar l-interpretazzjoni tiegħu kollha tal-eżistenza.” Il-poeżija “Jien” ta’ Victor Fenech hija eżempju tajjeb ħafna tal-effetti li joħolqu l-paradossi, eżempju tat-tifsir li joħroġ minn stqarrijiet li jidhru kontra xulxin, għax il-poeta jara lilu nnifsu bħala t-tlaqqigħ ta’ dawn il-kontradizzjonijiet, tal-bniedem li kemm idealist kif ukoll u prattiku, kemm romantiku kif ukoll realist.

Jien ribell/kompromessist –
nibni u nfarrak,
nemmen u niċħad,
nobgħod u nħobb.

Il-paradoss kapaċi joħloq konfużjoni, frustrazzjoni, imma fl-istess ħin jistqarr realtà kumplessa dwar il-bnedmin li nemmen li ma tistax tiċħadha:

Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.

Il-mistoqsija rettorika fl-aħħar tal-poeżija, “Jien... min jien?” hija konklużjoni li tistennieha, imma xorta waħda tesprimi l-ansjetà tal-persuna li tħossha ħafna affarijiet kontra xulxin f’salt. La hi ħaġa waħda biss u lanqas ħaġa oħra biss: hija ħaġa u l-ħaġa l-oħra fl-istess ħin. Il-paradoss għandu l-effett li jikkonfondina imma fl-istess ħin, kapaċi wkoll iġibna f’sensina. Għax kull persuna hi, fil-fatt, kumplessa ħafna, u l-paradoss jesprimi din il-kumplessità mitwielda fina u l-emozzjonijiet kultant ta’ konfużjoni li nġarrbu. Id-definizzjoni ta’ Friggieri ta’ “paradoss” (applikata fil-każ tiegħu għall-poeżija ta’ Karmenu Vassallo) tistħarreġ dawn l-effetti importanti.

Is-sillabu jispjega li l-lista ta’ termini letterarji li jagħti

> għandha sservi ta' għajnuna għall-kandidati fl-istudju tagħhom tax-xogħlijiet letterarji magħżula. Fit-tweġibiet tagħhom, il-kandidati mhumiex mistennija li jagħtu definizzjonijiet tat-termini, imma huma mistennija li jiddiskutu l-effetti tagħhom fix-xogħol mistħarreġ, u dawk l-effetti jridu jintrabtu mat-tema tax-xogħol.

Din hija l-iktar indikazzjoni ċara li l-istudenti jridu jkunu kapaċi janalizzaw il-mod kif taħdem il-lingwa letterarja u x'effetti tħalli fuq it-tematika tal-kitbiet differenti. Ngħidu aħna, f'ċerti xogħlijiet l-anafora, jiġifieri r-repetizzjoni ta' kelma jew kliem fil-bidu ta' frażijiet, versi jew sentenzi wara xulxin, taf tħalli effett ironiku u f'oħrajn taf tħalli effett drammatiku. Hemm taħlita ta' dawn iż-żewġ effetti f'"Jien" ta' Victor Fenech, waqt li fi "Quo Vadis?" ta' Rużar Briffa hemm effett ta' diżappunt u diqa fir-repetizzjoni ta' "Qatt lilhom ma…," u f'"Passaġġi" ta' Ġorġ Borg l-anafora toffri s-sens tal-firxa ta' passaġġi li tkopri ħafna toroq f'ħajjet il-bnedmin.

Clare Azzopardi tqanqal emozzjonijiet importanti ta' mħabba u dedikazzjoni totali meta tuża l-anafora biex issensel għadd ta' frażijiet li jibdew b'"kull" fl-istorja tagħha "Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha." Il-bint tiċċaħħad mill-passjoni tagħha għall-istampar biex tiddedika ruħha għal kollox għal ommha, biex tisma' "kull tqaħqiħa ta' ommha, kull tixriqa, kull weġgħa, u mesħet kull demgħa u kull bżieqa, kull ġerħa tnixxi."

Dan l-aħħar iddiskutejt "Lil Ommi" ta' Rużar Briffa ma' ibni li ftit jiem qabel ħadem mal-għalliema tiegħu u ma' sħabu fuq din il-poeżija fl-ewwel klassi tas-sekondarja Minkejja li la hu miġbud lejn l-analiżi tal-letteratura u lanqas mixħut wisq fuqha ma sabhiex wisq bi tqila biex jidentifika miegħi l-aspetti stilistiċi li jispikkaw f'dan ix-xogħol sabiħ ta' Briffa:

- ir-repetizzjoni tal-verb imperattiv "benninni" u l-fatt li raġel qed jitlob lil ommu tbennu, bħallikieku għadu tarbija u qed ifittex taħnina
- il-fatt li wara sensiela ta' kwartini hemm distiku aħħari b'rima mbewsa

- it-tqabbil tal-istorja tat-tifel li kienet tirrakkontalu ommu mal-istorja ta' ħajtu
- ir-ritmu mexxej u mużikali, bir-rima li donnha torbot il-kliem u l-ħsus flimkien...

Lanqas ma sabha diffiċli biex jiddiskuti x'effetti jħallu dawn l-għażliet stilistiċi fuq it-temi li tqanqal il-poeżija.




F'laqgħa mal-għalliema tal-Malti tas-Sekondarja, wieħed mill-għalliema insista li din l-attenzjoni lill-mod kif inhu miktub ix-xogħol letterarju, u l-effetti li jħalli, trid tingħata sa mill-ewwel snin tas-Sekondarja. Iktar ma nibdew kmieni inqas hemm ċans li l-istudenti jaraw biss it-temi tal-poeżija jew tal-istorja u jagħlqu għajnejhom għall-mod kif qed jitwasslu dawk it-temi. Ironikament, waħda mill-konsegwenzi ta' enfasi prematura fuq it-temi hi li l-istudenti ma jarawx il-firxa tematika kollha li jkun qed iqanqal ix-xogħol imma jingħalqu għal ċerti temi stabbiliti, xi ħaġa li ġrat bis-sillabu l-antik marbut mal-*Qawsalla*.

Il-Karta Mudell tikkonferma li fejn tidħol il-letteratura, l-eżami l-ġdid jiffoka, kif għandu jkun, fuq il-letterarjetà, fuq l-aspetti letterarji (stilistiċi). L-eżami jiffoka fuq kif il-letteratura, bħala kitba mhux tas-soltu, tinqeda bi strateġiji letterarji biex tirrakkonta stejjer u tqanqal ħsibijiet u emozzjonijiet. L-eżami jħares lejn il-qarrejja bħala parteċipanti attivi, bħala ħallieqa huma wkoll fil-proċess kreattiv *two-way* tal-qari.

**Letteratura komparata**

Waħda mill-mistoqsijiet fil-Karta Mudell tirreferi għall-komparazzjoni bejn ix-xogħlijiet letterarji biex l-istudenti jiffukaw, ngħidu aħna, fuq il-mod kif tipi differenti ta' kitba letterarja jittrattaw l-istess tema.

> *Xi wħud minn dawn il-kittieba juru li d-dinja tal-lum mhijiex komda. Ikteb fuq tnejn minnhom u qabbilhom ma' xulxin.*

Meta naqraw storja jew poeżija ma naqrawhiex f'vakwu jew f'bużżieqa, f'dinja maqtugħa għaliha minn dik ta' xogħlijiet oħrajn u mir-realtajiet ta' madwarna u ta' ġo fina. Mingħajr ma rridu niftakru fi stejjer u episodji f'xogħlijiet oħrajn, niftakru f'versi u f'sensazzjonijiet, f'metafori u temi ttrattati band'oħra. Din il-mistoqsija turi li l-eżaminaturi jridu li l-istudenti jkunu kapaċi jqabblu stili u metodi ta' kitba.

Kultant ikun hemm influwenzi diretti jew ċari minn kitbiet oħrajn. F'dan il-każ il-mistoqsija tal-Karta Mudell qed titlob lill-kandidati biex iqabblu żewġ poeżiji, jew żewġ stejjer, jew poeżija u storja li jitkellmu dwar id-dinja tal-lum bħala mhux komda. Importanti li dan it-tqabbil il-kandidati jagħmluh fl-ispirtu tas-sillabu u l-eżami kollu kemm hu: m'għandhomx jaqgħu fi tqabbil superfiċjali purament tematiku.

Għaldaqstant, fil-każ ta' din il-mistoqsija dwar ir-rappreżentazzjoni minn żewġ awturi differenti tad-dinja tal-lum bħala mhux komda, il-kandidati jistgħu jittrattaw, fost l-oħrajn, dawn il-kwistjonijiet:

- Iż-żewġ kitbiet kif jesprimu din l-iskumdità?
- Jużaw l-ironija jew id-drammatiċità? Jużaw ton ta' rabja jew ta' tħassib?
- Jirrakkontaw aneddoti li juru din l-iskumdità fil-ħajja tal-lum?
- Jużaw lessiku iebes jew aħrax? X'għodod letterarji jinqdew bihom?

Il-kandidati jridu jevitaw għal kollox li jgħidu sempliċiment, "din il-kitba tgħid hekk u l-kitba l-oħra tgħid mod ieħor;" iridu jaraw ix-xogħlijiet flimkien u jesploraw il-mod kif qed jużaw il-lingwa letterarja.

Se nagħti eżempju. F'"Aqta' Fjura u Ibni Kamra," Immanuel Mifsud jitkellem b'ton ironiku, saħansitra b'sarkażmu (speċjalment fl-aħħar vers tal-poeżija, "Ħu nifs qawwi u mur indifen"), dwar il-bnedmin tal-lum li qed jeqirdu d-dinja li fiha huma stess u wliedhom iridu jgħixu. Joħloq paradoss effettiv ħafna meta jorbot flimkien il-baħar u l-qamar meta jgħid li "l-baħar" milli jidher "tah tal-qamar," jiġifieri qed

jiġġennen. Fit-tlaqqigħ tal-baħar-qamar hemm ukoll rbit permezz tal-ħoss: din hija kważi rima li tissejjaħ "assonanza," għax jirrimaw il-vokali biss (imma dan it-terminu mhuwiex fil-lista tas-sillabu).

L-effett ta' dan it-twaħħid tal-baħar u l-qamar permezz tal-ħoss huwa ironiku ħafna, għax il-baħar qiegħed hemm isfel u l-qamar qiegħed hemm fuq: Mifsud stess jgħid li kollox qed jinqaleb ta' taħt fuq u dan huwa xhieda metaforika ta' dan it-taqlib klimatiku. Hemm ukoll il-gost li lill-baħar qed jippersonifikah, għax is-soltu l-bnedmin itihom tal-qamar. Din il-poeżija għandha, kollha kemm hi, dan it-ton kważi umoristiku, leġġer, imma nifhmu mill-ewwel li fih hemm iħufu konsegwenzi serji ħafna għall-għajxien innifsu tal-bnedmin. Forsi kien għalhekk li "Aqta' Fjura u Ibni Kamra" inqrat fil-Parlament Malti, l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, minn wieħed mid-deputati fit-8 ta' Lulju 2008.

Mario Azzopardi jaqbad tema oħra tar-refuġjati (li inċidentalment kulma jmur dejjem qed tintrabat aktar mal-kriżi ekoloġika li jiddiskuti Immanuel Mifsud). Azzopardi jitkellem dwar in-nies li jkollhom jitilqu minn darhom jew minn arthom kontra qalbhom biex jaħarbu minn perikli għal ħajjithom jew minn sitwazzjonijiet li qed iħarbtu lilhom u lill-familji tagħhom. Minkejja li t-temi attwali ta' dawn iż-żewġ poeti huma t-tnejn serji ħafna, tista' tgħid drammatiċi, fil-poeżiji tagħhom jużaw tonijiet għalkollox differenti. Waqt li Mifsud juża l-ironija u ton leġġer li nintebħu mill-ewwel li huwa "falz," it-ton tal-poeżija "Refuġjata" ta' Mario Azzopardi huwa serju ħafna, drammatiku. Din il-poeżija twassal l-inġustizzja tas-sitwazzjoni tar-refuġjata permezz ta' drammatiċità kbira fil-vuċi tal-poeżija: hemm

- kliem iebes ("jieqfu l-interrogatorji / jieqfu t-torturi / l-massakri" u mbagħad "kemm-il toqba f'ras il-mejtin")
- xbihat tal-inxif u d-dellijiet
- il-fatt li l-mara tinsab f'tinda, esposta għall-ksieħ u x-xmux.
- riferimenti ripetuti għal din il-mara (li tirrappreżenta wkoll lir-refuġjati kollha) bħala "l-mara tat-tined," għax il-ħajja tagħha hija fraġli ħafna u ftit li xejn għandha x'jipproteġiha.

Madankollu, hemm element tematiku interessanti u verament attwali komuni f'dawn iż-żewġ poeżiji: minkejja li "Refuġjata" dehret l-ewwel darba fl-aħħar tas-snin tmenin tas-seklu 20 u "Aqta' Fjura u Ibni Kamra" nkitbet fl-2008, tletin sena wara, it-tnejn jitkellmu dwar problemi maħluqin mill-bnedmin u huma attwali ħafna fit-tieni deċennju tas-seklu 21. Ir-refuġjata jkollha tabbanduna darha minħabba l-vjolenza li qed isofri ġensha waqt li n-nies li jitkellem fuqhom Mifsud qed jeqirdu d-dinja tagħhom stess (u tagħna wkoll ovvjament).

Biex iwassal din il-ħtija diretta tal-bnedmin Azzopardi jirreferi għal dawk li jittorturaw u jwettqu l-massakri waqt li Mifsud jindirizza b'mod ironiku (u verament irrabjat) lil dawk li qed jirrovinaw l-ambjent naturali li suppost huwa ġid komuni u mhux patrimonju privat tagħhom. Azzopardi jirreferi għall-bnedmin qerrieda fit-tielet persuna, bħallikieku mill-bogħod, b'disprezz u rabja; Mifsud jindirizza direttament lilhom – anzi, jindirizzahom fit-tieni persuna singular, "inti" li qed teqred l-ambjent naturali, "inti" li qed taqla' s-siġar, li tmur ittella' bini m'għola s-smewwiet, "inti" li qed teqred il-kosta.

Minkejja l-istrateġiji letterarji differenti tagħhom, iż-żewġ poeżiji jesprimu r-rabja tal-poeta u aktarx iqanqlu r-rabja tal-qarrejja. Mifsud dan jagħmlu l-aktar bit-ton ironiku u saħansitra sarkastiku waqt li Azzopardi jagħmlu bit-ton drammatiku li bih jirrakkonta sitwazzjoni inġusta u tal-biki.

**Letteratura li tqanqal il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet**

Iż-żewġ mistoqsijiet l-oħrajn tal-komponiment letterarju ġenerali fil-Karta Mudell huma dawn:

a. *Kemm jirnexxilhom xi kittieba juru li huma jagħmlu parti mill-ambjent uman?*
b. *X'importanza għandha d-deskrizzjoni bħala element letterarju f'dawn ix-xogħlijiet?*

Biex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet, l-istudenti jridu jużaw, fost l-oħrajn:

- l-għarfien tajjeb tal-istejjer u l-poeżiji tas-sillabu u x-xebh u d-differenzi stilistiċi u tematiċi li hemm bejniethom
- ir-reazzjonijiet u l-emozzjonijiet li dawn il-kitbiet iqanqlu fihom bħala qarrejja kritiċi
- il-ħakma tagħhom tat-termini letterarji u kif jintużaw it-tekniki li jirrappreżentaw
- l-effetti tagħhom waħedhom u ma' xulxin fuq il-poeżija jew l-istorja individwali kollha kemm hi

Dawn mhumiex mistoqsijiet faċli b'risposti ovvji jew sempliċi u għaldaqstant importanti li l-istudenti jkollhom l-għan tal-eżami ċar quddiem għajnejhom fejn tidħol l-analiżi tal-letteratura. Kif għedt kemm-il darba f'din il-kitba u meta ltqajt mal-għalliema tal-Malti fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja (u skejjel oħrajn), importanti li l-istudenti juru li kapaċi janalizzaw kif titħaddem il-lingwa fil-letteratura, kif jinħolqu l-effetti li nħossu aħna bħala qarrejja, u mbagħad jesploraw dawk l-effetti mentali u emozzjonali fuq il-kitba u fuqna.
Qabel ma nitkellem ftit dwar kif naħseb li tista' titwieġeb il-mistoqsija dwar "Kemm jirnexxilhom xi kittieba juru li huma jagħmlu parti mill-ambjent uman?" nixtieq ngħid li nħoss li din il-mistoqsija hija pjuttost impenjattiva: naħseb li tista' tkun iktar ċara, kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema.

Din il-mistoqsija l-istudenti jistgħu jweġbuha, fil-fehma tiegħi, billi jiktbu dwar kif il-kittieba jiddeskrivu l-preżenza tagħhom fl-ambjent uman:

- x'verbi, aġġettivi, metafori jużaw
- x'sitwazzjonijiet jirrakkontaw
- x'ton jew tonijiet jużaw
- x'tip ta' emozzjonijiet jesprimu meta jitkellmu dwar l-ambjent uman u l-bnedmin, ir-relazzjonijiet ma' nies oħrajn, il-komunità, l-ispazji li fihom jinġabru l-bnedmin.

Żewġ eżempji li jiġuni f'moħħi hawnhekk huma l-poeżija ta' Trevor Żahra "Geraldine," b'umoriżmu maħdum u maħsub li jirrifletti fuq ir-relazzjoni tat-tifel ma' tfal oħra u speċjalment mat-tfajliet, u r-rakkont "Jacqueline" ta' Pierre J. Mejlak.

Il-ġuvni protagonista tal-istorja ta' Mejlak jesprimi l-passjoni tiegħu għall-futbol ta' fuq it-televixin ("fil-fixla ta' dik l-għodwa kien nesa kompletament id-derby deċiżiv tal-Madonnina"): li toqgħod quddiem it-televixin tara l-futbol hija attività pjuttost solitarja, sakemm ma tkunx ma' ħaddieħor, imma l-passjoni għal-logħba u għal tim partikulari hija passjoni li taqsamha ma' nies oħra. Għandu wkoll passjoni għall-pastizzi, anki jekk mhuwiex ikel sofistikat: l-ewwel jara l-vann li jbigħhom u mbagħad jieħu "pjaċir ixomm ir-riħa tal-pastizzi, li min jaf kemm kienu jqarmċu." U jieħu gost ukoll "bis-sħana ħierġa mill-forn kollu tilari suwed fuq xulxin. U anke l-ħoss tal-boroż tal-karti jħaxwxu dak il-ħin bħal wennsu." Mejlak juża s-sensi tax-xamm, tal-mess (propjament "ħass" is-sħana) u tal-ħoss biex iwassal il-passjoni ta' din l-esperjenza "sħiħa" tal-pastizzi, għax il-protagonista "jmisshom" jew jiltaqa' magħhom bis-sensi tiegħu kollha, tant li kważi timmaġinah qed itegħemhom (il-ħames sens).



Storja oħra li turi s-sehem tal-kittieba fl-ambjent uman hija "Firda minn Kelb" li fiha Ġużè Ellul Mercer jitkellem dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' kelb imma jitkellem ukoll dwar ir-relazzjonijiet tiegħu ma' nies li jaf u ma' spazji abitati mill-bnedmin, bħall-għassa tal-pulizija. Fl-istorja nħoss li l-ispazju ċentrali tal-għassa jikkuntrasta mad-dar tiegħu li l-protagonista kontinwament jassoċja mal-kelb, bħallikieku waħda ma tistax tifridha mill-ieħor. Fil-fatt il-firda sseħħ b'ħafna tbatija. Wara li jinfired minn ma' Bobby, il-karattru ewlieni tal-istorja jerħilha waħdu lejn id-dar billi jgħaddi minn spazju ieħor tal-bnedmin, it-triq. U t-triq lura d-dar jagħtiha deskrizzjoni personali ħafna li tirrifletti s-sentimenti tiegħu f'dak il-mument f'ħajtu: "inċaflas fl-għadajjar tal-ilma – li ma stajtx nara bid-dlam li kien – u nterter bil-kesħa li bdejt inħoss. Kont ili ma nħoss bard daqshekk." Jaf ħafna nies, jidher, imma kif turi din id-deskrizzjoni tiegħu

jċaflas fl-ilma, bħallikieku ma jafx x'qed jagħmel minħabba d-diqa li ħakmitu, u jterter b'bard mhux tas-soltu, għax il-firda mill-kelb tħalli effett anki fiżiku fuqu.

**Teknika Letterarja Ewlenija f'Xogħlijiet Differenti**

Il-mistoqsija l-oħra għall-komponiment letterarju ġenerali hija dwar l-importanza li għandha d-deskrizzjoni bħala element letterarju f'dawn ix-xogħlijiet. Din hija mistoqsija ġenerali li terġa' tiffoka fuq il-mod kif inhuma miktubin il-kitbiet letterarji. Il-mistoqsija tħares lejn kif jużaw id-deskrizzjoni u x'effetti għandha fuq it-temi u l-karattri tal-poeżiji u l-istejjer.

L-istudenti jistgħu jweġbuha, fost l-oħrajn, billi jiffukaw fuq kif il-kitbiet letterarji fis-sillabu qed jibnu d-deskrizzjonijiet tagħhom: x'lessiku jużaw, x'metafori, x'ton, u l-bqija. X'emozzjonijiet joħolqu dawn id-deskrizzjonijiet? Kif joħolquhom dawn l-emozzjonijiet? Jekk mistoqsija bħal din tfixkilhom, l-istudenti dejjem jistgħu jirreferu f'moħħhom għal-lista tat-termini letterarji u jfittxu eżempji tagħhom fil-poeżiji u fl-istejjer, għax biex jiddeskrivu l-awturi jinqdew propju b'dawk it-tekniki li hemm fil-lista li jagħti s-sillabu.

Għal mistoqsija bħal din, dak li jagħmel Dun Karm meta jiddeskrivi l-baħar fil-poeżija straordinarja tiegħu "Żagħżugħ ta' Dejjem" huwa eżempju tajjeb tal-għodda u l-potenzjal li għandhom f'idejhom dawk li jużaw il-lingwa b'mod kreattiv. Mill-ħames strofa sal-aħħar, il-poeta joħloq xbieha wara l-oħra tal-baħar iżda t-teknika ewlenija tiegħu hija dik li jippersonifikah: mill-wiċċ tal-baħar bħala "żagħżugħ ta' dejjem" li jħaddan u jbus u jitkellem, li sidru mimli saħħa jikber u jaqleb u jkisser il-bastimenti bil-bnedmin fuqhom, sal-Baħar "tfajjel mingħajr dnewwa" li jinxteħet fuq ir-ramel ta' xtajta.

Għaldaqstant, il-baħar li jitkellem fuqu Dun Karm (li fil-fatt huwa metafora taż-żmien u l-ħajja), huwa forza kbir u tal-biża' li ħdejha l-bnedmin u l-bastimenti tagħhom huma ċkejknin u bla saħħa. Imma l-baħar, bħall-ħajja, huwa wkoll dak li

> kollok ċajt u kollok ħlewwa
> tilgħab b'werqa tal-alka,

jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta.

Il-baħar huwa deskritt kemm bħala forza maskili li tisbel malajr u mingħajr twissija jew raġuni, kif ukoll bħala tifel kollu ħlewwa f'armonija mal-ambjent ta' madwaru.

Il-personifikazzjoni tal-baħar tagħtih il-karatteristiċi tagħna l-bnedmin u għalhekk tressqu lejna, imma fl-istess ħin turih bħala żagħżugħ li kapaċi jkun feroċi. Il-baħar, kif ngħidu għall-bnedmin, jagħmel ta' rasu u għalhekk id-deskrizzjoni umanizzata tiegħu tqanqal fina l-biża' meta l-poeta jiddeskrivi kif jaqleb il-bastimenti, kif jaqbad l-iġfien u jilgħab bihom "bla xejn ma taħseb, kiefer!" Ir-rabja u l-vjolenza tal-bnedmin nafuhom sewwa u għalina faċli napplikawhom għall-kefrija tal-baħar, u għall-kefrija tal-ħajja, li ftit li xejn nistgħu niddefendu ruħna minnhom bħala bnedmin.

Id-deskrizzjoni permezz tat-teknika metaforika tal-personifikazzjoni tintuża fost l-oħrajn biex tressaq is-suġġett iktar lejn il-bnedmin, tgħinhom jifhmuh. Lino Spiteri juża l-personifikazzjoni b'effetti differenti ħafna minn ta' Dun Karm fin-novella tiegħu "Ċensina." Għax minflok titkellem ix-xiħa, "weġbuh il-ħitan, u s-sodda b'xugaman flok saqqu u l-ħajt b'sodda oħra miegħu mgħobbija fdalijiet, fosthom, min jaf, xi tifkiriet, u ħafna trufijiet ta' bidu mingħajr tmiem, jew tmiem bla bidu, min seta' jgħid x'kien ħliefha?" Ix-xiħa ma tweġbux, "għax qisha lanqas hi m'għadha tiftakar, jekk qatt kienet taf."

Wieħed mill-effetti tal-personifikazzjoni tal-ħitan u l-oġġetti fil-kamra tagħha huwa li hi titlef l-umanità tagħha (it-teknika tad-deumanizzazzjoni), qisha ma tibqax persuna: għax is-soċjetà li suppost tieħu ħsiebha twarrabha u tabbandunaha, u minflok titkellem hi, persuna, jitkellmu l-ħitan, li mhux suppost jitkellmu għax mhumiex persuni. Din id-deskrizzjoni tqanqal fija sens ta' diqa u nitħassar ħafna lil din il-mara solitarja. Hija mara miċħuda mill-umanità tagħha, li tispiċċa qisha l-ġurdien maħruq bil-petrol li jissemma fl-istorja.

**Lura għall-bidu**

Minkejja li ma kelli ebda sehem fit-tfassil ta' dan is-sillabu l-ġdid tal-Malti fil-livell taċ-ĊES, inħoss li nista' ngħid minn dak li għandna f'idejna fis-sillabu u l-karta mudell li fl-apprezzament tal-letteratura ma tistax tifred *dak* li qed jingħad (il-kontenut, it-temi) mill-mod kif qed jingħad (il-forma, l-istil). Dan għas-sillabu l-ġdid jidher li huwa fundamentali. Huwa sillabu li jagħti lura d-dinjità lil-letterarjetà għax jiffoka fuq kif il-letteratura, bħala kitba mhux tas-soltu, tinqeda bi strateġiji letterarji biex tirrakkonta esperjenzi u stejjer u tqanqal ħsibijiet u emozzjonijiet.

Xogħolna bħala qarrejja kritiċi tal-letteratura huwa li naraw kif taħdem minn ġewwa l-letteratura, kif l-elementi letterarji jikkonfoffaw flimkien biex joħolqu effetti fuqna bħala qarrejja. Xogħolna huwa li naraw x'tagħmel il-lingwa mhux tas-soltu tal-letteratura biex tagħtina gost u fl-istess ħin tqanqal il-moħħ u l-qalb tagħna.

© Drittijiet kollha miżmuma | **Adrian Grima**
It-3 ta' Mejju 2012 | L-Università ta' Malta

*Nixtieq nirringrazzja lis-Sinjuri Phyllis Debono u Claire Zerafa, għalliema ħabrieka tal-Malti u kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja li tawni l-opportunità li nippreżenta u niddiskuti dawn il-fehmiet f'laqgħa apposta għall-għalliema tal-Malti fis-sekondarja nhar il-Ġimgħa 20 ta' April 2012. Din il-viżjoni tal-letteratura applikajtha f'taħditiet li saru fix-xhur ta' qabel li fihom talbuni nitkellem dwar "Jacqueline" ta' Pierre J. Mejlak, "Bl-Irħis" ta' Vincent Vella u "Ġarġir mal-Ħerża" ta' Marjanu Vella. Grazzi wkoll lill-għalliema li ddiskutejt magħhom individwalment dawn il-fehmiet. Naturalment, ir-responsabbiltà tal-fehmiet li nesprimi hawnhekk hija tiegħi biss.*

Dr. **Adrian Grima** jgħallem il-letteratura fid-Dipartiment tal-Malti tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Huwa l-awtur ta' bosta studji akkademiċi ppubblikati f'Malta u barra minn Malta u tkellem f'għadd ta' konferenzi fil-Mediterran, fl-Ewropa, fil-Karibew u fl-Asja. L-iktar pubblikazzjoni riċenti tiegħu hija *"Minn kull xorta ta' qżież." Dun Karm u l-Konfini tal-Identità fil-Mument tal-Metafora* (Id-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta u l-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar, 2011).